MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1156/2004

**KNK Air Conditioners Co Limited**

**vs**

**Raymond Portelli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120.00) u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` attrici kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merkanzija li fuqha ghad hemm pendenti l-bilanc imsemmi;**
**Illi ghalkemm debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' nadempjenti;**
**Ghaldaqstant il-konvenut qed jigi mharrek sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-**

**ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120.00) rappresentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata;**
**Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk ta' l-ittri nterpellatorji tat-23 ta' April, 2004 u tas-27 ta' Mejju, 2003 u ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 2003 u bl-imghax legali mid-data ta' l-ewwel ittra nterpellatorja**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-21 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120.00) bl-imghax legali mid-9 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez inkluzi dawk ta' tal-ittri nterpellatorji tat-23 ta' April, 2004 u tas-27 ta' Mejju, 2003 u ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------